# INDEPENDENT POLICE COMPLAINTS BOARD

## Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija

### Rapport Anwali ta' hidma ghas-sena 2022

Dan il-Board gie imwaqqaf bl-Att XVIII tat-12 ta' Mejju 2017 li abroga l-Att 164 dwar il-Pulizija. Fost il-kompiti ta' dan il-Board insibu hafna li kienu jixbhu lil dak ta' qablu.

Il-Board Indipendenti ghall-Ilmenti dwar il-Pulizija huwa kompost minn zewg Membri u Chairman; ghandu wkoll Segretarju li pero' ma ghandux vot. Dan in-numru zghir ta'membri jgib mieghu certa diffikulta fl-operat tal-Board.

Dan il-Board irid jindaga u jirrapporta dwar il-kazi li jkollu quddiemu, u l-opinjonijiet li huwa jasal ghalihom ghandhom natura essenzjalment konsultativa.

Meta gie mwaqqaf inghata wkoll il-kompitu li jservi ta' appell mid-decizjonijiet dwar dixxiplina li jkunu ittiehdu mill-Internal Affairs Unit tal-Pulizija izda dan il-kompitu gie mnehhi b'emenda tat-6 ta' Dicembru 2019.

Il-Board jiltaqa' fl-ufficcju tieghu fi Triq il-Merkanti, il-Belt u bl-indirizz postali: PO Box 202,

Triq Sir Adrian Dingli, Sliema SLD1000. Barra li jitaqa' fl-imsemmi ufficcju, Membri tal-Board anke imorru *on site* biex jirrappurtaw lill-Board dwar dak li jkunu qed jiddiskutu.

Minhabba it-twessiegh tad-dmirijiet, il-Ligi tistabilixxi li l-Board ghandu jkun assistit minn Ufficcjal Legali u staff amministrativ mehtieg; dan il-process kien inbeda u anki hargu xi applikazzjonijiet, izda dawn ghadhom ma gewx appuntati.

Tul din is-sena, is-Segretarju tal-Board ukoll attenda ghal-laqghat kollha mizmuma mill-Bordijiet tad-Dixxiplina tal-Korp, fil-Kwartieri tal-Pulizija.

**Procedura biex jinfetah Kaz.**

Biex cittadin iressaq ilment quddiem il-Board, dan irid isir dejjem bil-miktub – semplici ittra tkun bizzejjed. Tul is-snin ilmenti quddiem il-Board tressqu minn kull kategorija ta' cittadini kemm Maltin kif ukoll barranin.

**Kompozizzjoni.**

Permezz ta' notifika fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Dicembru 2020 il-President ta' Malta

Tul din is-sena il-Board kellu quddiemu zewg rapporti li kien fihom ammont qawwi ta' xoghol; wiehed minnhom li dahal wara il-mewt ta' persuna Richmond Tong li grat waqt li dan kien mizmum mill-Pulizija, kienet infethet fis-sena ta' qabel 2021 u giet maghluqa fis-6 ta' Gunju ta' din is-sena. Fil-konkluzjonijiet tieghu il-Board identifika Spettur u Surgent li kienu naqsu mid-dmirijiet taghhom u li ikkawzaw jew ikkontribwew ghal mewt ta' Richmond Tong waqt li dan kien maghluq gewwa cella fid-Depot il-Floriana.

Il-kaz l-iehor kien jirrigwarda cittadin Malti li kontra tieghu kien inhareg *European Arrest Warrant* mill-Pulizija Germaniza li pero' ma giex esegwit, u li gie arrestat gewwa l-Italja wara li kien inghata il-permess biex isiefer minkejja proceduri differenti li kienu ghaddejjin kontra tieghu gewwa Malta; dan il-kaz dahal fil-31 ta' Mejju 2022 u gie maghluq fil-30 ta' Awwissu; il-Board zamm 11 il-seduta, sema' 15 il-xhud, u fil-konkluzjonijiet tieghu identifika zewg Spetturi li mill-provi irrezulta li kienu naqsu gravement mid-doveri taghhom.

F'dan il-kaz il-Board ezamina wkoll il-passi li jittiehdu qabel akkuzat jigi moghti il-*police bail* u wera l-fehma tieghu li dan l-istitut ghandu jigi studjat biex id-decizjoni tkun wahda trasparenti, u

li zgur ma tinghatax bil-kelma biss minghajr spjegazzjoni.

**Konkluzjoni.**

Il-Board jinnota li minhabba ir-restrizzjonijiet imposti bhala konsegwenza tal-Pandemija tal-'*Covid 19'* sa mis-sena ta' qabel din, kellu jillimita il-laqghat gewwa l-ufficju,u sahansitra zamm bosta seduti *on line*; dan ma kienx dejjem posibbli u ghalhekk ix-xoghol sar izjed bil-mod milli mixtieq. Wiehed jittama li ghall-futur il-qaghda titjieb.

Chairman

Judge F. Depasquale

Segretarju

E.T. John Spiteri

4 ta' April, 2023